MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 148/2013

Appell Numru: 148/2013

Il-Pulizija

Vs

Patrick Calleja

Illum, 2 ta' Ottubru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Patrick Calleja, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 135077M talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Gunju, 2012, Lulju, 2012, Awwissu, 2012 u Settembru, 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Lorraine Calleja u/jew lil ibnu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l- Artikoli 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lil hati.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Patrick Calleja pprezentat fl-1 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabithu hati tal-akkuza dedotta kontrih u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu piena ta' prigunerija u minflok taghtih piena inferjuri, iktar ekwa u gusta tenut kont tac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. L-akkuzat huwa marbut ihallas manteniment fis-somma ta' €465 kull xahar ghal uliedu, a bazi tal-kuntratt tat-22 ta' Dicembru, 2004, fl-atti tan-nutar Nicholas Vella, liema manteniment ghandu jigi rivedut kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jonqos proporzjonalment malli kull wiehed mit-tfal jaghlaq l-eta' maggorenni.

2. Illi skond l-artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-kuntratti ricevbuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, jikkostitwixxi titolu ezekuttiv.

3. Illi skond l-artikolu 258(c), wara l-gheluq tat-tliet snin minn dakinhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) tal-artikolu 253, seta' gie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnhu jkun ghadu dovut.

4. Illi ghalhekk, skond il-ligi, kuntratt li jistipola dejn dovut, cert u likwidu u li jkun gie ppublikat iktar minn tlett snin, ma jistax jigi rez ezekuttiv jekk ma tigix segwita il-procedura stipulata fl-artikolu 258(c) tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-kaz, ma giex ippruvat li saret il-procedura msemmija u li abbazi taghha allura setghu ttiehdu l-proceduri kriminali fil-konfornt tal-imputat bhala parti mill-esekuzzjoni tal-istess kuntratt.

5. Illi l-imputat xorta kien lest li jghati lil mara tieghu il-hlas ta' tliet xhur mill-erbgha rikjesti minnhu. Huwa offra somma sostanzjali ta' elf u erba' mija u kien lest li jobbliga ruhu wkoll li jhallas l-izbilanc fi zmien gimghatejn.

6. Illi wiehed ma jridx jinsa li dawn il-flus huma talvolta dovuti ghal manteniment tal-erba' wlied tal-konjugi Calleja u mhux ghal mara u ghalhekk huwa sintomatiku tal-attitudni tal-imsemmija mara li tippreferi li tinghata sentenza ta' prigunerija lil zewgha bil-konsegwenzi ta' telf ta' xoghol u pregudizzji ohrajn u thalli lil uliedha bla flus. Dawn il-proceduri kif ukoll il-proceduri ta' sekwestru u xort'ohra juri bic-car illi l-mara tal-esponent m'ghandiex l-interessi ta' wliedha ghal qalbha izda hija determinata biss li tkisser u tfarrak il-hajja ta' zewgha anke a skapitu tal-interessi ta' uliedha stess. Persuna li ssib ruhha fil-habs apparti l-fatt illi ma jistax jahdem u jaqla` flus isib l-impjieg tieghu mhedded.

7. Illi anki jekk, minghajr pregudizzju u ghall grazzja tal-argument, l-esponent jaccetta li naqas teknikament mill-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt imsemmi, kien il-kaz li l-ewwel Qorti tinduna li l-animu negattiv tal-mara, ma kienx ispirat hlief ghal abbuz tal-process legali. Ghalhekk kien imissha accettat it-talba tal-esponent ghal differiment qasir u wisq iktar qatt ma kellha timponi sentenza ta' prigunerija f'kaz bhal dan.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Nicholas Vella tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014) l-appellant issepara minn martu Lorraine Calleja u fost il-kundizzjonijiet tas-separazzjoni kien hemm dik illi l-appellant kien marbut illi jaghti manteniment lil martu u wliedhom fl-ammont ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466) kull xahar. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu elfejn u tnax (2012) Lorraine Calleja irrappurtat lill-pulizija illi l-appellant naqas li jaghti manteniment ghax-xhur ta' Gunju u Lulju tal-elfejn u tnax (2012) u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri fil-konfront tal-appellant fejn gie mixli illi huwa naqas illi jhallas manteniment ghax-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru tal-elfejn u tnax (2012).

Permezz ta' sentenza tal-ghoxrin (20) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju principali tieghu huwa wiehed legali fis-sens illi ma gietx segwita l-procedura stipulata bl-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi kuntratt li jistipula dejn dovut, cert u likwidu u li jkun gie ippubblikat aktar minn tlett (3) snin ma jistax jigi rez ezekuttiv jekk ma tigix segwita din il-procedura u cioé talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. La din it-talba ma saritx kwindi l-ammonti dovuti mill-appellant ma jistghux jigu rezi ezekuttivi u ezegwibbli. Terga' u tghid dawn il-proceduri bdew minn mart l-appellant specifikatament biex tivvessah u taghmillu l-hajja difficli. Jekk l-appellant imur il-habs ma jistax jahdem u l-impjieg tieghu jigi mhedded.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel aggravju l-Qorti tirrileva illi l-argument tal-appellant japplika f'kazijiet ta' dejn civili. Din il-procedura mhiex qieghda ssir taht il-Kap 12 izda taht il-Kodici Kriminali, Kap 9, precizament l-artikolu 338(z). Din il-kontravenzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku u ma tiddipendix minn cirkostanzi civili ghall-ezekuzzjoni taghha. Darba persuna tkun moruza fil-hlas ta' manteniment kif stipulat minn kuntratt jew ordni tal-Qorti taqa' fic-censura ta' dan l-artikolu 338(z) li hija maghmula specifikatament biex issir pressjoni fuq id-debituri sabiex jonoraw l-obbligi taghhom fuq kwistjoni ta' manteniment. L-unika kundizzjoni hija illi din il-

kontravenzjoni tiskatta fi zmien hmistax-il (15) jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jkollha tithallas is-somma. F'dan il-kaz irrizulta li dawn il-hmistax-il (15) jum altru illi ghaddew u xorta l-appellant kien moruz fil-hlas. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-htija, l-ewwel Qorti ghamlet sew meta sabet lill-appellant hati ta' ksur ta' din il-kontravenzjoni.

Rigward l-aggravju tal-attitudni tal-mara, l-Qorti tirrileva illi l-atti illi irrikorriet ghalihom il-parti leza huma kollha atti permessi mil-ligi u hadd ma jista' jigi pregudikat talli uza d-drittijiet tieghu moghtija mill-istess ligi. F'dan il-kaz, Lorraine Calleja mxiet skont il-ligi u uzat id-drittijiet taghha sabiex taghmel pressjoni fuq l-appellant u jhallas il-manteniment dovut lil uliedhom. Jidher illi dan kien ghalxejn peress illi twassal ghal dawn il-proceduri. Jidher illi fil-mori ta' dan l-appell però l-appellant kellu xi ripensament u beda jhallas ftit l-ammonti dovuti lill-parti civili sakemm fl-ahhar, fis-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) il-parti civili iddikjarat illi thallset ghall-ammonti dovuti skont ic-citazzjoni u ma fadallhiex aktar pretensjonijiet rigward din il-kawza kontra l-appellant. Naturalment dan il-verbal jiffavorixxi certa dispozizzjoni tal-Qorti versu l-appellant u skont il-prassi kostanti ta' dawn il-qrati jimmerita temperament fil-piena. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Publius Said" (25 ta' Settembru 2003) il-Qorti qalet "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". Qin il-Qorti rat ukoll il-fedina penali nadifa tal-appellant u li din se tkun l-ewwel kundanna tieghu ghal dan it-tip ta' kontravenzjoni. Il-Qorti tawgura illi dan ikun l-ewwel u l-ahhar u l-appellant ma jergax isib ruhu quddiem il-Qorti proprju in konnessjoni ma' dawn in-nuqqasijiet peress illi dik id-darba l-Qorti mhiex se tkun daqshekk disposta favur tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet htija fl-appellant, izda tirriformha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok piena ta' xahar prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------